Supplement tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,597, 21 ta' Mejju, 2010

Taqsima B

A.L. 301 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Istudji tal-Familja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru għall-Istudji tal-Familja bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Istudji tal-Familja.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru għall-Istudji tal-Familja;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Ċentru għall-Istudji tal-Familja;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2009 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad offrut miċ-Ċentru għandhom ikollhom wieħed minn dawn il-gradi:

(a) grad ta' Master f'qasam relatat, bħax-Xjenzi Soċjali, ix-Xjenzi tas-Saħħa, il-Politika Soċjali, u l-Edukazzjoni; jew

(b) kwalifiki oħra li l-Bord iqis komparabbli mal-gradi ndikati f'paragrafu (a) ta' dan l-ordinament.

4. (1) L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni, flimkien ma' proposta ta' riċerka komprensiva li tiddeskrivi l-proġett propost, inklużi s-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba biex juru l-kompetenza tagħhom fil-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

(3) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba wkoll biex isegwu taqsima/taqsimiet studju li huma meqjusa neċessarji biex itemmu l-Grad b'suċċess.

Il-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat li jkun magħmul kif ġej:

Iċ-*Chairman* taċ-Ċentru (*chairman*)
Id-Direttur taċ-Ċentru
Tliet membri akkademiċi anzjani, li wieħed minnhom għandu jkun minn fakultà, istitut jew ċentru ieħor,
sakemm li meta ċ-*Chairman* u d-Direttur taċ-Ċentru jkunu qed jiġu proposti bħala Superviżuri Prinċipali, ko-superviżuri jew konsulenti, dawn ma jistgħux imexxu l-laqgħa.

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

6. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat, kull Ġunju għall-istudenti kollha li jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħhom.

7. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu bl-istudji tagħhom biss jekk ir-rapporti tas-Superviżur Prinċipali juru li qed jagħmlu progress sodisfaċenti. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Senat dwar il-kontinwazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istudent għall-Grad.

8. (1) Wara 12-il xahar ta' studju *full-time*, l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu rapport dwar ix-xogħol ta' riċerka tagħhom għal konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc* maħtur mill-Bord. Il-bord *ad hoc* għandu jkun magħmul minn *chairman*, u żewġ eżaminaturi, li wieħed minnhom ikun is-Superviżur Prinċipali.

(2) Il-bord *ad hoc* għandu jissottometti l-ewwel, rapport bil-miktub għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat. Ir-rapport għandu jinkludi r-rakkomandazzjonijiet skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

9. L-istudenti reġistrati maċ-Ċentru jistgħu jiġu mitluba jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka u ta' tagħlim taċ-Ċentru.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

10. Sitt xhur qabel id-data tas-sottomissjoni l-istudenti għandhom jiġu nfurmati li huma mitluba li jinfurmaw liċ-Ċentru li se jissottomettu t-teżi tagħhom għall-eżami mhux anqas minn tliet xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni.

11. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bord tal-Eżaminaturi skont ir-Regolamenti Prinċipali.

12. Il-Bord għandu japprova u jippubblika l-linji gwida rigward il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

13. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu kopja tat-teżi tagħhom mingħajr legatura għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat miċ-Ċentru għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu liċ-Ċentru, sa sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat, tliet kopji tat-teżi b'legatura ħoxna flimkien ma' kopja f'format diġitali. Kopja waħda tat-teżi għandha tinżamm fil-Librerija taċ-Ċentru u kopja oħra fil-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad.